

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/1313**tal-25 ta' Lulju 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Ġholi tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, u b'reazzjoni għall-azzjonijiet kontinwi tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, il-Kunsill iqis li d-Deċiżjoni 2014/512/PESK għandha tiġġedded għal sitt xhur oħra.
- (3) Għalhekk id-Deċiżjoni 2014/512/PESK jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni 2014/512/PESK, l-Artikolu 9(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2023."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Lulju 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. SÍKELA

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).